# TLIET XORTA TA' NISA

## ĦRAFA TAL-MISILMIN

Wara il-Għarqa l-Kbira, jew *Dilluvju*, it-tliet ulied ta' Nuħ (Noè) man-nisa tagħhom, ħarġu mill-arka u telqu għal riħhom, kull wieħed lejn naħa, biex fid-dinja jerġgħu jnisslu n-nies. Nuħ u l-mara tiegħu baqgħu weħedhom, u wara xi snin, mart Nuħ raġa' kellha tifla, li kibret, u meta mietet ommha, lil missierha kienet taħsillu u ssajjarlu u żżommlu d-dar.

Darba fost l-oħrajn, Nuħ jara ġej żagħżugħ, liebes l-iswed, riekeb fuq żiemel iswed. Niżel ħada Nuħ, ra lit-tifla, għoġbitu, u talbu biex iżewwiġhielu. Nuħ saqsieh: "Għandek dar imgħammra, fejn iżżommha?" Dak wieġbu: "Le"; Nuħ qallu: "Mur, mela u arġa' ejja wara sena u jekk ikollok dar imgħammra, inżewwiġhielek."

Għaddiet is-sena u dak ix-xebb ma ġiex. Wara ftit Nuħ jara ġej xebb ieħor, liebes l-aħmar, riekeb fuq żiemel aħmar, li niżel ħada Nuħ u talbu jżewwġu lit-tifla. Nuħ saqsieh jekk kellux dar imgħammra, u billi dak wieġbu li ma kellux, Nuħ qallu jarġa' jiġi wara sena u jekk ikollu dar, iżewwġu lil bintu.

Għaddiet is-sena u dan anqas ma deher. Ftit wara li għaddiet is-sena, Nuħ jara ġej xebb ieħor, liebes l-abjad u riekeb fuq żiemel abjad, li dan ukoll talbu jżewwiġlu lil bintu, bħal ma kienu talbuh l-oħrajn. Saqsieh Nuħ: "Għandek dar imgħammra għaliha?" Dak qallu: "Iwa." Wieġeb Nuħ: "Mela ħudha, għax b'xortik hija. Riżq u barka!"

Malli l-għarajjes telqu, Nuħ jara ġej ix-xebb taż-żiemel l-iswed. Qallu lil Nuħ: "Id-dar ħaddartha u għammartha. Żewwiġni lil bintek, kif ftehemna." Infixel Nuħ, għax bintu kienet miżżewġa lil ħaddieħor. Għalhekk qal lix-xebb: "Istenna sa fil-għodu". U ma' tul il-lejl qagħad jitlob lil Allaħ biex ibiddel il-ħmara li kellu f'xebba li tixbah lil bintu, biex iżewwiġha lil dak ix-xebb. Sama' talbu Allaħ, u l-ħmara tbiddlet f'xebba sabiħa, tixbah lil bint Nuħ. Għal dan għajjat lix-xebb, fil-għodu, u żewwġu lix-xebba li qabel kienet ħmara.

Malli telaq ix-xebb bil-għarusa, Nuħ jara ġej lit-tieni wieħed, dak taż-żiemel l-aħmar. Niżel ħada Nuħ, ferħan għall-aħħar, u qallu: "Id-dar sawwartha u għammartha. Żewwiġni lil bintek, kif ftehemna!"

Tħawwad Nuħ għal dal-kliem, imma qawwa qalbu u talab lix-xebb jistenna sa fil-għodu. Bil-lejl ma raqadx, imma qagħad il-ħin kollu jitlob lil Allaħ biex ibiddillu l-kelba f'xebba sabiħa, tixbah lil bintu, biex iżewwiġha lil dak iż-żagħżugħ. U semgħu Allaħ, u kif talab, sar. Għal hekk Nuħ tagħa x-xebba lil da, li rikkibha fuq iż-żiemel u telaq u mar.

Għal hekk fid-dinja jinsabu tliet xorta ta' nisa: hawn nisa bil-għaqal, li jifhmu dak li tgħidilhom u jtemmuh sewwa u bil-qalb: dawn huma min-nisel ta' bint Nuħ. Hawn nisa li ma tfehemhom b'xejn, u kull ma jagħmlu jagħmluh ħażin u fuq il-qalb; dawn huma min-nisel tal-ħmara. U hawn nisa li jaħdmu mhux ħażin, u emmnin għal żwieġhom, imma dejjem jiġġieldu mar-raġel u mal-ġirien u jgħajtu ma' wliedhom. Dawn huma wlied il-kelba.

# TALB

**Bil-Palestini** — **Bil-Malti**

## IR-RADD TAS-SALIB

B'Isem el-Ab, wa l-Iben wa r-Ruħ el-Qodos, el-Ilaħ el-Waħed. Amien.

Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u ta' Ruħ il-Qodos... Amen.

## IL-MISSIERNA

Abana l-ledi fis-samawat, li jitqaddes Ismek, li jaġi Malkutek, li takon mxeqtek, kama fis-Sama ħekada għal ard.

Missierna li int fis-smawiet, jitqaddes Ismek, tiġi Saltnatek, ikun li trid Int kif fis-Sema hekda fl-art.

## IL-ĦOBŻNA

Agħtina ħubżna kefet jumna, wa agħfor lene ħatajana, ka ma naħna nagħfor li men ħata ilejna. Wa la tadħilna fit-taġareb, leken niġġina mix-xerrir. Amien.

Agħtina ħobżna ta' kull jum, u aħfer lilna dnubietna, kif aħna naħfru lil min ħata għalina. U la ddaħħalna fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Amen.

## IS-SLIEMA

Is-Selem għaliki, ja Mirjam, ja mumtalija nagħmat, er-Rabb magħaki; mubarka enti fin-nisa, wa mubarkat tamrat batnaki, Jesugħ.

Is-Sliem għalik, ja Marija, Ja mimlija bil-ħajr, il-Mulej miegħek; imbierka inti fost in-nisa u mbierek frott ġufek, Ġesù.

## IL-QADDISA

Ja qaddisa Mirjam, ja waldet Allaħ, selli li eġilna, naħna l-ħutat, alan wa f'sagħat mawtna. Amien.

Ja qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina, aħna midinbin, issa u f'siegħet mewtna. Amen.


DAN IL-QARI

LEĦEN L-ART IMQADDSA

JAGĦTI S-SENA T-TAJBA

LILL-IMSEĦBIN, LIL NIESHOM, LIL ĦBIEBHOM.

IL-BAMBIN TA' BETLEHEM

IXERRED FUQHOM

KULL ĊID U SLIEMA.